MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 56/2010

**George Vella u martu Noella Vella**

**Vs**

**Julian Calleja**

Permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni li sofrew f’incident tat-traffiku li sehh fl-1 ta’ Marzu 2010 fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, Xewkija, Ghawdex bejn il-vettura Mitsubishi Pajero numru BRN 088 u l-vettura Isuzu bin-numru GBD 464. Talbu wkoll il-likwidazzjoni tad-danni u li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma li tigi likwidata mill-qorti.

Min-naha tieghu l-konvenut ikkontesta t-talbiet tal-atturi billi ddikjara li ma kellu l-ebda htija ghall-incident meritu tal-kawza. Ghal dawk li huma danni ecepixxa li l-attrici ma

sofrietx debilita' permanenti u ghalhekk l-ebda hlas ma kien dovut bhala *lucrum cessans*[1].

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

1. Fl-1 ta' Marzu 2010 sehh incident tat-traffiku fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, Xewkija, Ghawdex. Fl-incident kienu nvoluti l-vetturi Mitsubishi Pajero BRN 088 misjuq minn Bernardette Vella u vann Isuzu GBD 464 misjuq mill-konvenut.
2. L-attrici Noella Vella kienet passiggiera fil-vettura Mitsubishi Pajero. Fid-data tal-incident kellha 44 sena.
3. L-attrici ghandha negozju ta' bejgh ta' hwejjeg tas-suf. Fis-sena 2009 iddikjarat qliegh nett ta' hamest elef mitejn u erbgha u ghoxrin (€5,224) [fol. 21].
4. Skond ir-rapport li hejja l-perit mediku Mr Charles Grixti, l-attrici qeghda tbati minn debilita' permanenti ta' erbgha fil-mija (4%). Hu rrelata li: *"Noella Vella sofriet skoss f'ghonqha kif ukollhsara fil-patello-femoral joint ta' l-irkoppa tal-lemin fl-accident li kellha fis-26 ta' Frar 2010. Minhabba dan trid tevita sitwazzjonijiet fejn ikollha zzomm ghonqha baxx ghal hin twil, u tevita li tixxabbat ghal affarijiet. Minflok ghandha ggib ruha livell maghhom. Mil-lat tal-irkoppa l-ugiegh ikkagunat minn hsara fil-qarquca tal-galletta ta' l-irkoppa tal-lemin. Dan jista jigi mghejjun b'ezercizzju tal-quadriceps izda xorta wahda Vella tista' ssib diffikulta meta titla' tarag jew jekk tigi biex tqum minn fuq siggu baxx jew jekk tipprova tinzel kokka."* (fol. 72). Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2011 id-difensur tal-konvenut iddikjarat li m'hijiex qeghda tikkontesta r-rata ta' debilita permanenti ta' 4% (fol. 108).
5. Il-vettura Mitsubishi Pajero giet ezaminata mis-surveyor Natalino Agius inkarigat mill-kumpannija ta' assikurazzjoni tal-vettura Isuzu, u ddikjara li minhabba l-hsarat kbar li garrbet hi *"beyond economical repair."*. Spjega: *"Jiena ndagajt biex nistabilixxi l-valur ta' dik it-tip ta' vettura fis-suq lokali, u rrizultali li bejn wiehed u iehor il-valur hu ta' hamest elef mitejn ewro (€5,200) u hamest elef hames mitt ewro (€5,500). Tajt wreck value ta' sebgha mitt ewro (€700)."* (fol. 104). Fis-seduta tad-19 ta'

[1] Ara risposta guramentata prezentata fl-4 ta' Awwissu 2010 (fol. 40).

Jannar 2011 l-atturi rrinunzjaw ghat-talba precedenti li kienu ghamlu sabiex issir stima minn perit gudizzjarju.

**Responsabbilta ghall-incident tat-traffiku**.

Wara li l-qorti rat l-atti u kellha l-opportunita tisma' lill-attrici, lil bintha Bernardette Vella u lill-konvenut jixhdu m'ghandha l-ebda dubju li l-incident sehh minhabba s-sewqan perikoluz u traskurat tal-konvenut. Ukoll mir-ritrati li gew esebiti hu altru milli evidenti li l-vettura Pajero kienet qeghda timmanuvra roundabout u l-vann misjuq mill-konvenut baqa' hiereg minn Triq Logga, li hi triq sekondarja. Il-vann misjuq mill-konvenut hareg minn fuq stop sign. Il-posizzjoni tal-vettura Pajero kif tidher fir-ritratti li gew esebiti, ma twassalx lill-qorti biex tikkonkludi li x-xufier ma dahritx mar-roundabout[2]. Anzi l-qorti hi moralment konvinta li l-Pajero spiccat fil-posizzjoni li tidher fir-ritratt a fol. 51 bid-daqqa li qalghet mill-vann Isuzu.

Fir-rapport tal-pulizija il-verzjoni li ta l-konvenut hi riprodotta b'dan il-mod:- *"Jien waqaft fuq l-istop u ksirt fuq ix-xellug biex immur ta' Sannat, rajt karrozza gejja fin-nofs nfxilt u ppruvajt nevitaha."* (fol. 6). Kieku l-affarijiet graw b'dan il-mod il-vettura Isuzu ma kenitx ser tispicca fil-posizzjoni li tidher fl-iskizz (fol. 7) u fir-ritratti (fol. 46-51). Meta xehed[3] il-konvenut ikkonferma li kien sejjer Sannat. Dan ifisser li kif johrog minn Triq Logga kellu jikser fuq ix-xellug u jsuq dritt fid-direzzjoni minn fejn giet il-vettura Mitsubishi Pajero[4]. Pero minflok zamm max-xellug meta hareg minn Triq il-Logga baqa' hiereg dritt u mar fuq in-naha l-ohra tat-triq, proprju minn fejn kienet ghaddejja l-vettura Mitsubishi Pajero. Il-posizzjoni tal-hsarat estensivi li garrbet il-vettura Mitsubishi Pajero tkompli ssahhah il-fehma tal-qorti li l-konvenut ma qalx il-verita. Il-verzjoni tal-konvenut li ghamel hekk ghaliex infixel peress li l-vettura l-

---

[2] Il-konvenut xehed: *"hi suppost iddur mar-roundabout, nahseb li baqghet gejja minn go nofsha jew min-naha hazina tat-triq cioe mill-karreggjata li ridt nghaddi minnha jien."* (fol. 54).
[3] Seduta tal-14 ta' Ottubru 2010.
[4] Il-konvenut xehed: *"Qed nara r-ritratt a fol. forty eight (48) u qed nuri lill-Qorti minn fejn jiena hrigt. Il-Qorti qeghda timmarka b'salib kulur blue fuq dan ir-ritratt id-direzzjoni minn fejn kont hiereg jien. Jiena kont sejjer fid-direzzjoni fejn il-Qorti qeghda taghmel vlegga."* (fol. 54).

ohra ma kenitx fil-karreggjata tieghu, hi banali u ma titwemminx.

**Likwidazzjoni ta' Danni**.

1. Ghal dak li huma ***damnum emergens*** hemm:-

a) Il-valur tal-vettura li giet dikjarata beyond *economical repair* minhabba l-hsarat estensivi li garrbet. Is-somma dovuta hi erbat elef sitt mija u hamsin ewro (€4,650)[5].
b) Spejjez ghat-towing tal-vettura BRN 088 fl-ammont ta' tmienja u sittin ewro (€68).
c) Spejjez ta' fizjoterapija fl-ammont ta' erbgha u tmenin ewro (€84)[6].
d) Spejjez ghand it-tabib Dr Teddie Farrugia fl-ammont ta' sebghin ewro (€70)[7].
e) Spejjez medici relatati ma' visti li saru ghand il-konsulent tal-ortopedija Mr Raymond Aquilina fl-ammont ta' mitejn ewro (€200)[8].
f) Spejjez li ghamlet l-attrici fl-ispizerija fl-ammont ta' disgha u ghoxrin ewro u tmienja u tletin centezmu (€29.38).

Total ta' **hames elef mija u wiehed ewro u tmienja u tletin centezmu (€5,101.38)**.

2. Fir-rigward tal-***lucrum cessans*** il-qorti tirrileva:-

a) Il-kalkoli ser isiru fuq dhul ta' sebat elef ewro u hames mitt (€7,500) fis-sena[9]. Il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-atturi li ghandha tizdied somma ghaliex l-

---

[5] Il-kalkoli saru fuq valur ta' €5,350 u tnaqqset is-somma ta' €700 bhala wreck value.
[6] Fol. 30-32 bejn id-29 ta' April 2010 u 20 ta' Mejju 2010. Ara wkoll xiehda ta' Frank Xerri, fizjoterapista a fol.102.
[7] Fol. 33. Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut ikkontesta dan l-ammont, il-fatt li l-ircevuta fiskali hi datata 11 ta' Gunju 2010 ma jfissirx li l-attrici m'ghamlitx dawn l-ispejjez in konnessjon mal-griehi li garrbet fl-incident li sehh fl-1 ta' Marzu 2010.
[8] Ara ricevuti a fol. 29.
[9] Ghalkemm hu minnu li fiz-zmien tal-incident ma jirrizultax li l-attrici kellha dan il-qliegh, il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq qliegh ta' €7,500 ghaliex il-probabilita hi li matul is-snin id-dhul taghha jizdied.

attrici taghmel ukoll ix-xoghol tad-dar. Kieku jkun hekk ifisser li kull mara li ghandha familja u li tahdem barra mid-dar, ghandha tizdied somma ghaliex taghmel xoghol tad-dar. Il-gurisprudenza rrikonoxxiet il-valur ekonomiku tax-xoghol tad-dar fejn mara ma jkollix qliegh iehor. L-attrici stess ikkonfermat li x-xoghol taghha hu *full-time*[10].

b) Ghal dak li hu multiplier il-kalkoli ser isiru fuq perjodu ta' ghoxrin (20) sena. Dan peress li l-qorti tqies li l-argument tal-attrici hu validu fis-sens li llum il-gurnata hi normali hafna li persuni jibqghu jahdmu lil hinn mill-eta pensjonabbli.

c) Rata ta' debilita permanenti hi ta' 4%.

d) Triq titnaqqas 20% mehud in konsiderazzjoni li l-incident sehh fl-1 ta' Marzu 2010 u din is-sentenza qeghda tinghata sena wara.

Total ta' **erbat elef erbgha mija u tmenin ewro (€4,800)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut:-**

**1. Tiddikjara li l-konvenut hu unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fl-1 ta' Marzu 2010.**

**2. Tillikwida d-danni fis-somma ta' disat elef disgha mija u wiehed ewro u tmienja u tletin centezmu (€9,901.38).**

**3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' disat elef disgha mija u wiehed ewro u tmienja u tletin centezmu (€9,901.38).**

**Spejjez a karigu tal-konvenut u bl-imghax jiddekorri mil-lum.**

---

[10] Ara deposizzjoni tal-14 ta' Ottubru 2010. L-attrici kkonfermat li: *"Nikkonferma li jiena naghmel bejn wiehed u iehor tmien (8) sighat kuljum ghax-xoghol li ghandi bhala self-employed. Nahdem mit-Tnejn sal-Gimgha. Nhar ta' Sibt, jiena naghmel it-tindif."* (fol. 57).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------